**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi

**Randan u Ġimgħa l-Kbira 2021**

Il-Knisja f'Malta u Għawdex, b'responsabbiltà lejn is-saħħa tal-poplu Malti fiż-żmien ta' pandemija, mhix ser torganizza pellegrinaġġi, purċissjonijiet u manifestazzjonijiet matul ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa ta' din is-sena.

Il-Knisja tħeġġeġ lill-poplu Nisrani biex tul dan iż-żmien tar-Randan jisma' l-Kelma ta' Alla, jinġabar fit-talb u jagħmel karità. Il-Knisja timpenja ruħha biex permezz tad-diversi entitajiet tagħha tipprovdi opportunitajiet biex il-poplu Nisrani jkun jista' jagħmel dan.

Il-Knisja se tibqa' tevalwa s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika u aktar 'l quddiem tagħti direttivi dwar kif għandha tiġi ċċelebrata l-liturġija tat-Tridu tal-Għid.

Inħeġġu lil kulħadd biex inkomplu nosservaw id-direttivi għall-ħarsien tas-saħħa biex nieħdu ħsieb xulxin.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 8 ta' Frar 2021.

Charles Bugeja
Ass. Kanċillier

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju